**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum it-Tnejn 8 ta' Frar 2021, fis-2:30 p.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **Prof Arnold Cassola** iben il-mejtin Albert-Maria u Ethel-May nee` Marks, imwieled Ta' Sliema u residenti Swieqi bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti tlabt li tigi hawnhekk;

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghandek xi informazzjoni x' ittina? Xi dokumenti?

***Ix-Xhud :***
Iva, jiena xtaqt nigi hawn sabiex nuri kif ga minn l-2013 rapprezentanti ta' l-istat ibbazati f' Kastilja flimkien ma' awtoritajiet ta' l-istat ghamlu minn kollox biex jiffacilitaw l-interessi ta' rapprezentant ta' Electrogas u tal-Quad Towers, u dan ghamluh permezz ta qerq, inganni, habi u anki gideb. U allura dawn taw access kwazi limitat ghal Kastilja lil dan ir-rapprezentant ta' dawn iz-zewg ditti nghidulhom, li dak li jkun imbaghad jispacca hossuhom omnipotenti li jista' jaghmel kollox ghax jaf li l-bibien kollha miftuhin; jista' jidhol u jaghmel li jrid fejn irid Kastilja. Jiena, almenu, mid-dokumenti li hargu, hemm almenu 27 darba ta' laqghat ufficjali f' Kastilja; imma naf li kien hemm laqghat – 'laqghat'!, inkontri ohrajn go Kastilja ma' nies ohra. U dan jaghtik sens ta' omnipotenza li fl-ahhar kollox kwazi isir lecitu fil-hajja.
U jekk trid nibda nesponi bil-kazijiet li tridu; sakemm ma tridux isaqsuni intom. Jien kieku kont nibna mal-ewwel ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qabel tkompli Prof, qabel tkompli ..

***Ix-Xhud :***
Ghidli

***Imhallef J Said Pullicino :***
La qed nixhdu rridu nixhdu fuq il-fatti kif nafuhom ahna

***Ix-Xhud :***
Yes.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri fejn kont involut inti jew fejn kellek informazzjoni diretta inti.

***Ix-Xhud :***
No. Direttament ma ghandi xejn; fejn jien involut assolutament direttament xejn. Li jiena ghamilt f' dawn is-sentejn waqt li qghadt insegwi l-affarijiet li johorgu u nipprova nuza l-metetologija ta' ricerka li nuza fix-xoghol tieghi akkademiku li which is investigative, l-ewwel nett ippijsjajt kollox f' mod kronologiku ghax imbaghad meta taghmilhom b' mod kronologiku tista' tibda tara kif jiffitjaw, l-affarijiet ma kienux kumbinazzjonijiet. Imbaghad ghamilt freedom of information requests abbazi ta' certi affarijiet li minnhom hargu certi ittri, certi dokumenti, li ma nafx intom kellkomx access ghalihom; u minn dawn johorgu l-gideb, l-inganni etc.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U d-dokumenti u ittri li rcivejt huma…

***Ix-Xhud :***
Bghattilkom kollox f' dan id-dossier kollu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak kollox sew, qieghed hawn. Fejn jidhlu l-ittri u ovvjament il-messaggi etc, dawk huma prova fihom infushom

***Ix-Xhud :***
Naturalment, jigifieri jien kull ma ser nghidilkom huwa ddokumentat bl-original.

***Imhallef J Said Pullicino :***
F' dak il-kuntest trid tinkwadra ..

***Ix-Xhud :***
Mhux hekk? Biex naraw l-istat kellux sehem, hux hekk?... fl-atmosfera.

Hemm dokument li huwa x-xhieda tieghi; li huma hdax-il pagna. Imbaghad ghandkom supporting document (mhux qeghdin fl-ordni li suppost), imma jiena ha nispjegahom. Ix-xhieda tieghi l-ahhar wiehed; l-ahhar 11-il pagna.
Intitolat ghal xhieda Inkjesta assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.
L-ewwel haga li rrid nibda biha hija kwistjoni ta’ l-Imriehel High Rise, li din kienet hadma enormi li inhadmet anke minn go Kastilja direttament. Allura l-ewwel irridu immorru lura ghat-25th Novmber 2013 meta l-Planning Authority, dak iz-zmien kienet ghadha l-MPEA, harget a public consultation dwar il-high rises. Jigifieri z-zoni ta’ Malta li ghandhom jitqiesu fejn jista jsir il-high rise. U fost dawn kien hemm hames lokalitajiet: Marsa, Msida, Gzira, Pembroke jidhirli, hamsa. Ma kienx hemm l-Imriehel. Harget ghal public consultation on the 25th November 2013 u ghalqet ghal pubbliku on the 24th January 2014. Il-publiku kellu zmien jikkummenta fuq dawn il-high rises l-opinjonijiet tieghu. Sitt gimghat wara li ghalqet, ir-rapprezentant tal-Quad, illum il-Quad u ta’ l-Electrogas, mar jiltaqa’ mas-Segretarju Parlamentari tal-Planning dak iz-zmien li kien Michael Farrugia. Iltaqa’ mieghu ghal sitta u ghoxrin (26) minuta filghodu minn 9:27 sa 9:53 filghodu. Ftit minuti wara din il-laqgha b’ kumbinazzjoni, jekk mhux siegha wara l-Ministru Farrugia jikteb lill-Planning Authority u jghidilhom li ghandhom idahhlu lill-Imriehel fil-High Rise areas. Dan wara li ghalqet il-konsultazzjoni pubblika minghajr hadd ma jaf biha u hadd ma jista’ jikkummenta fuqha. Fl-24 ta’ Mejju 2014 jigifieri xahrejn wara piu` o meno, din il-policy giet adottata mill-Planning Authority u adottata bl-Imriehel fiha, minkejja li l-Perit Montesin membru tal-Bord gibed l-attenzjoni tal-Bord u qalilhom din isma’, din dahlet seba’ gimghat wara li ghalqu l-proposti. Nonostante dana ghaddhiet xorta. Skandlu fuq l-iskandlu min kien qed jiddiskuti fil-Planning Authority dwar jekk ghandhiex tidhol l-Imriehel jew le?.. is-Sur Paul Apap Bologna li inzerta b’ kumbinazzjoni Alla Ibierek a partner ma’ dan ir-rapprezentant li qed nghidilkom.. mhux qed insemmi ismu, imma nimmagina li kulhadd qed jifhem min hu, all right?. partner mieghu f’ dan il-progett. Jiddiskuti, dahal tard ghall-laqgha, imma Alla Ibierek fil-minutes ghandkom il-minuti hemmhekk annessi, ghandkom il-hin x’ hin dahal, dahal in time ghad-diskussjoni dwar il-high rise u Alla Ibierek hallewh jivvota wkoll!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Professur, evita il-kummenti. Hu pacenzja tina l-fatti biss, ghaliex il-kummenti..

***Ix-Xhud :***
Huwa fatt; hallewh jivvota.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva imma l-kumplament huwa kumment, all right?

***Ix-Xhud :***
Li jivvota huwa kumment?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le, x' tahseb inti jibqa' kumment

***Ix-Xhud :***
Mhux x' nahseb jien; hallewh jivvota qed nghidlek

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti ghid li hallewh jivvota.

***Ix-Xhud :***
Li hallewh jivvota ehe. Issa jien irrid nghidilkom ukoll li mela sar dan kollu u dan sar b' qerq, u li s-CEO jew x' jghidulu.. tal- Planning Authority ta' dak iz-zmien huwa Johann Buttigieg, kien Johann Buttigieg li naturalment huwa a politically appointed pedina ta' Joseph Muscat. Dak kien l-ewwel episodju.

Mela issa ghandna Mriehel dahal fiz-zoni high-rise. It-tieni wiehed jirrigwarda l-Electrogas. L-Electrogas, apparti affarijiet ohra li mhux ser insemmi, inghatat preferential treatment minn l-OHSA mill-Health and Safety Authority. Il-Health and Safety Authority, fit-2015, fid-9 ta' Settembru 2015 sabet illi kien hemm l-irregolaritajiet fil-bini ta' l-Electrogas, l-impjant ta' l-Electrogas il- gdid, u kien hemm perikoli serji li jwaqqfu x-xoghlijiet ta' l-Electrogas. Minn email ta' din il-persuna rapprezentanta tal-high rise tal-Quad u ta' l-Electrogas, wiehed minn l-owners hawn insomma, nafu qed nghid lil Catherine Halpin qed jibaghtilha u jghidilha – isma', don't worry ta', ghax dahal Ministru jikkalma lil tal-health and safety. Jigifieri jiena.., ma nistax naghmel kumment, imma li dik jekk hemm il-perikolu u tikkalmahom!, anyway.
Mela ghandna Ministru; mhux bizzejjed. Qed jghidilhom ukoll - and we have a friend inside OHSA a friendly figure, li ser jibghatilna an unofficial visit. Jigifieri dana avzat minn qabel minn l-OHSA, awtorita` ta' l-istat din eh!, bhal ma hi l-awtorita` ta' l- istat il-Planning Authority qabel, all right? Avzat l-Aawtorita` ta' l-istat li dawn ser jibaghtulu taparsi surprise visit. Mela dan huwa l-kaz ta' ghedna ta' l-Electrogas. U f' kaz iehor irrid infakkar ukoll li mbaghad f' Mejju tat-2017, 24th May, il-gvern ta' Malta b' mod sigriet, b' mod sigriet iddecieda li jestendi garanzija ta' tliet mija u sittin miljun loan lill-Electrogas. Dejjem b' mod sigriet. Dawn huma kollha atti li jiffavorixxu.., ma nafux ghal liema raguni, lil din il-persuna li hija r-rapprezentanta ta' high rise, tal-Quad u ta' l- Electrogas.
Nghaddi ghal Quad Towers it-tielet episodju. L-ewwel nett skuzawni ukoll, dwar l- Enemalta, ghax jiena lanqas stajt norqod; qomt filghodu sibt il-gazzetti

u 'mnalla ma kontx ghadni bghatthomkom. Irrid inzid din issa jigifieri wkoll, li f' Jannar 2015 l-Enemalta tqalla' erbgha punt sitta miljuni a profitt, all right? lill-rapprezentant – is-soltu rapprezentant ta' l-Electrogas u tal-Quad Towers minhabba omissjonijiet u nuqqas ta' due diligence rigward il-progett ta' Montenegro, ok? Irrid infakkarkom ukoll li dik il-firma ta' Michael Farrugia, f' dik l-ittra, dik tfisser giet mitejn miljun profitt eh! Ghax dik kienet zona under less than 10 stories, issa ser itellghu 18 stories ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
..

***Ix-Xhud :***
Mhix opinjoni. Its 18 times 10

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kompli.

***Ix-Xhud :***
Ok. Il-Quad Towers hawnhekk ghandna gidba ohra oxxena minn Transport Malta, mill-gdid Awtorita` tal-gvern, ghandkom hemm issa skoprejt l-ittra originali. Transport Malta, fil-25 ta' Ottubru 2016 f' korrispondenza ufficjali qalet li kienet lahqet diga` agreement mal-Quad Developers (qed nikkwota) *with regards to the financial contribution by the developer for infrastructural works*. Jigifieri qalet li kellha diga` ftehim mal-Quad ghal dak li kellhom ihallsu ghall-infrastructure etc. Meta jien mort nivverifika niskopri li din hija gidba fahxija. Ghaliex l-agreement biex dwar x' kellhom ihallsu kumpens ghall-Quad ghall-infrastruttura gie ffirmat ix-xahar ta' wara fl-10 ta' Novembru 2016; jigifieri dawn jew veggenti jew ma nafx xiex! Jigifieri metait-Transport Authority kitbet lill-Planning Authority li kellhom ga ftehim fuq kemm iridu ihallsu ta' l-infrastruttura tal-Quad kienu qed jigdbu, they lied. Ghax dik imbaghad il-kuntratt ghamluh 15 days later, 15-il gurnata wara. U naturalment apparti dak, tridu taraw it-trattament preferenzjali. Jigifieri f' dan il-kuntratt issa hemm li l-Quad ihallsu fifty thousand Euros, ma noqghodux niddiskutu l-entita` tas-somma, meta mhux dak inhar stess, meta xi darba jkun hemm master plan ghall-Imriehel. Sal-lum stess ghad hemm ma hemm l-ebda master plan ghall-Imriehel, sal-lum lanqas thallas sold min-naha tal-Quad. U ghadhom jiddiskutu u jigdbu Ian Borg u Frederick Azzopardi, jekk tmorru fil-website tal-Graffiti taraw il-gideb kull tlett ijiem kif ibiddlu l-verzjoni biex jaghmlu l- flyover biex jaqdu lil tal-Quad tas-central link kollu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Professur, ma ahniex niddiskutu l-progetti u t-tahwid u mhux tahwid ..

***Ix-Xhud :***
Jekk il-progetti huma kawza ta' dan kollu!!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le, imma ahna ghandna terms of reference cari. Ha kunu qed nghidu t-tajjeb ghax inkella imbaghad wara jkollna l-problemi. Dak illi qed tixhed inti l-fatti li minnhom johorgu relevanti ghal din l- Inkjesta taghna naghtu kashom.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-ohrajn ghalina qeghdin hemmhekk, huma x' inhuma. Ma jinteressaniex. Ghax inkella noqghodu naghmlu…

***Ix-Xhud :***
Tafu li.., mela, it-Transport Malta li taghha u kien il-president jew CEO, x' jghidulu, James Piscopo, skanjozz iehor tal-Prim Ministru .. political of trust, all right?, gidbet. Jigifieri dawn iridu kieku jitilghu kollha bi spergur, fil-fehma.. opinjoni, skuzawni. Imma all right? Gidbet li kien hemm diga` x' jismu ffirmat. It-trattament privileggjat ikompli aktar meta.., (u dina ma stajtx insib id-data sfortunatament), meta l-Quad area giet iddezinjata bhala special designated area. Issa special designated area f' Malta jfisser li x-xerrejja jkollhom l-istess drittijiet ta' Maltin, ta' cittadini Maltin. M' hemm l-ebda limitazzjoni ghal cittadini barranin, kemm ta' l- EU u kemm ta' barra minn l-EU. U dak ifisser naturalment miljuni ohra kbar li hiergin ta' vantagg.

Nghiddi ghar-raba' punt li nfakkar naturalment li wkoll id-datament specjali tal-Planning Authority huwa c-Chairman Johann Buttigieg, ga semmejnih. Ir-raba' punt huwa.. din kif jista' ikun li dan is-sinjur rapprezentant ta' dawn iz-zewg ditti li ghandu wkoll it-Tumas Gaming. Tumas Gaming instabu li kienu skorretti fl- affarijiet taghhom u ittellghu l-qorti. U kellu jitla' jixhed fil-qorti fil-kawza is-CEO tal-Gaming is-Sur Joseph Cuschieri. Is-Sur Joseph Cuschieri meta ghad irid imur jixhed fil-kawza kontra dawn ir-rapprezentanti jaccetta vjagg gratis Las Vegas…..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dottore, again,

***Ix-Xhud :***
Fatti dawn.

***Imhallef J Said Pullicino :***
… ghax inkella ser ikollna inwaqqfuk li tixhed. Ma ghandu x' jaqsam xejn ma' l-kumplament ta' l-Inkjesta taghna, tajjeb? Issa l-kwistjoni mhix kwistjoni..

***Ix-Xhud :***
….il- kwistjoni jekk l-istat iffavorrixiex.. jekk l-istat iffavorixxiex l-affarijiet..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Professur, ahna nhalluk tixhed, imbaghad nghazlu ahna

***Ix-Xhud :***
U iva..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma hemm barra mhux hekk tidher. U allura ahna ma rridu lil hadd li jhawwad haga ma' l-ohra; tajjeb? Iffoka, u inti kapaci, iffoka fuq it-terms of reference taghna. X' ghamel is-Sur Cuschieri wara fuq affarijiet ohra ghalina sekondarju hafna, all right? Jigifieri.

***Ix-Xhud :***
All right. Dak ovvjament hija prerogattiva taghkom u li jiena ma nistax niddecidielkom, imma..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma x-xhieda ahna immexxuha.

***Ix-Xhud :***
Iva, mhux ovvja! Hlief meta jigi xi hadd minn Burmarrad. Imma is-Sur Cuschieri huwa president ta' awtorita` ta' l-istat. Ma huwiex Mr so and so!

***Imhallef A Lofaro :***
Ma jirrizulta li ghandu l-ebda konnessjoni, s' issa hadd ma qal li ghandu xi konnessjoni b' xi mod jew iehor anke remota ma' l-assassinju la qabel u lanqas wara.

***Ix-Xhud :***
Mhux ma' l-assassinju ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela ghalina irrelavanti ..

***Ix-Xhud :***
Qed nghidu ta' l-awtorita` ta l-istat ; imma ghalikom mhux…; its up to you

***Imhallef A Lofaro :***
Imma hu semma l-culture of opinion; semma dik eh! U dik importanti.

***Ix-Xhud :***
Mela jiena jigifieri nista' nasal il-mod..; il-connections jiena ili sentejn fuqhom ta' dawn mhux illum gejt! Mela ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax il-problema hi li kieku inti gttj hawnhekk u ghedtilna fatt li tafu inti, allura nghidlek iva jista' jkun utili ghal kultura ta' impunita`, ta' hekk, ghax tafu inti. Imma li tghidli hawnhekk.

***Imhallef A Lofaro :***
…fuq l-impunita`

***Ix-Xhud :***
Nafu jien

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma konkluzjoni fuq dak li taf tista' tkun tieghi u tista' ma tkunx. Imma ghalina mhux hekk. Ahna irrid il-fatt li jikkoncerna preciz …

***Ix-Xhud :***
… mid-dokumenti

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva; fejn ghandek id-dokument, fejn ghandek l-email daka .

***Ix-Xhud :***
Hemm, kollha hemm qeghdin. Insomma, mela dan kollu huwa evidenti li kien hemm intervent ta' l-istat biex jiffavorixxu din il-persuna. Evidenzi ghal fatt li anke f' din l-Awla stess saru hafna atti ta' spergur u jiena tlabt lill-Kummissarju biex jaghmel inkjesta u l-Kummissarju fetah inkjesta biex jekk.., nimmagina tafu, imma jew ma tafux, ghal spergur…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak jirrizultalna. Dak jirrizultana mir-rikors tal-Kummissarju li ghamel apposta ghax-xhieda.

***Ix-Xhud :***
Ehe, jiena tlabtu spergur ghal hames persuni li huma Joseph Muscat, Kieth Schembri, Mark Gasan, Paul Apap Bologna u Edward Scicluna. Ovvjament mhux kollha sperguraw! Heq, ghax huma ikkontradixxew irwiehom..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik issa jaraha l-Kummissarju

***Ix-Xhud :***
Dak irid isibuhom il-Kummissarju mhux jiena.

***Imhallef A Lofaro :***
Jara l-Kummissarju; sewewa.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. U allura in konkluzjoni ta' dawn l-affarijiet kollha jigifieri li semmejtilkom li appuntu jinkludu habi, qerq, gideb etc., il-konkluzjoni tieghi hija illi kien hemm iva rapprezentanti ta' l-istat; iva kien awtoritajiet ta' l-istat li ghal xi raguni jew ohra iffavorixxew lil dan is-shareholder ta' dawn iz-zewg kumpaniji. U nahseb li dak huwa bizzejjed sakemm intom ma ghandkomx xi mistoqsijiet ghalija

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hemm l-istatement tieghek u l-istatement tieghek ahna mbaghad nistipulaw dak illi huwa utitli, u hemm affarijiet utili.

***Ix-Xhud :***
Naturalment.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Intom ghandkom xi domandi? All right.

***Imhallef A Lofaro :***
Grazzi hafna

***Ix-Xhud :***
Qabel ma mmur nixtieq li nirringrazzjakom li tajtuni din l- oportunia` li nitkellmu ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna ghamilna avviz pubbliku.

***Imhallef A Lofaro :***
Ahna ghamilna avviz.

***Ix-Xhud :***
Ghalhekk qed nirringrazzjakom; u rrid infakkar li kieku ma kienx ghalikom il-Prim Ministru kien jipprova jzommni illi jien nigi hawn nitkellem u jzomm lil haddiehor....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma ..

***Ix-Xhud :***
Opinjoni opinjoni; m' hemmx ghalfejn tiggudikani. Imma tajjeb li wiehed jirrikordjaha. Kieku llum fi Frar kieku jiena llum minhiex qieghed hawn kieku kien … , u ta' min jinvestiga ghaliex il-Prim Ministru ma riedx li jigu n-nies hawn jitkellmu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa qed nifhmu ahjar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Prof, ghedtilna li ma kienx ihallik titkellem il-Prim Ministru ghedtli inti?

***Ix-Xhud :***
U zgur.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghaliex?

***Ix-Xhud :***
Il-Prim Ministru ried li jwaqqfilkom l-Inkjesta sal-25 ta' Dicembru

***Imhallef A Lofaro :***
Eh, ghat-terminu.

***Ix-Xhud :***
Kieku ghaddiet tieghu, 'mnalla li kontu intom li awtonimament iddecidejtu x' ghandkom taghmlu kieku jien mhux qieghed hawn.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna naghmlu xoghlna. Ahna naghmlu xoghlna. Full stop u daqshekk.

***Ix-Xhud :***
Appuntu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U nipprovaw naghmluh sew; mhux dejjem jirnexxielna. Imma insomma

***Imhallef A Lofaro :***
Nirringrazzjawk.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ **Prof Arnold Cassola** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur